31978R2216

27.9.1978 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 269/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2216/78
## tas-26 ta' Settembru 1978
## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunita Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 238 tiegħu,

Wara li kkonsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana ffirmat fi Brussel fit-18 ta' Jannar 1977 għandu jiġi konkluż,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament..

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għandu jagħti n-notifika provduta f'Artikolu 49 tal-Ftehim ([2]).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-juma ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Settembru 1978.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ERTL

([1]) ĠU C 133, tas-6.6.1977, p. 52.

([2]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim trid tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.